# MALTI

# Sillabu Ta' L-Iskejjel Primarji

Dipartiment tal-Kurrikulu, Floriana

# RAZZJONAL

# IL-PROGRAMM TAL-MALTI

## Ghall-Iskejjel Primarji

## Razzjonal

### Raġuni Fundamentali

Biex il-Malti jibqa' lingwa ħajja għandu jintgħallem bħala l-ilsien tal-komunikazzjoni mill-esperjenzi individwali tat-tfal u f'kuntesti varji mislutin mill-ħajja ta' kuljum, speċjalment fl-ambjenti skolastiċi, familjari u soċjo-interattivi.

## Għanijiet Ġenerali

**L-għanijiet tat-tagħlim ta' l-ilsien Malti huma biex:**

- jiżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien tat-tfal ħalli b'hekk jifhmu u jużaw l-ilsien Malti b'mod tajjeb.
- jgħin l-iżvilupp personali tat-tfal permezz tal-lingwa, tal-letteratura u x-xejriet ta' l-identità nazzjonali.
- jiżviluppaw medda ta' attitudnijiet pożittivi lejn ilsienna u ilsna oħra.

**Biex dawn l-għanijiet jintlaħqu l-għalliema għandhom:**

- iqisu s-sillabu bħala proċess dinamiku mibni fuq esperjenzi mill-ħajja ta' kuljum.
- jgħallmu l-Malti b'mod tematiku integrat biex suġġett jintrabat m'ieħor.
- jipprovdu esperjenzi biex jgħinu lit-tfal jiżviluppaw il-kapaċitajiet tal-komunikazzjoni u tal-ħsieb u li jħossu u jaħdmu permezz tal-lingwa.
- ilaqqgħu lit-tfal mal-kotba u mal-letteratura bħala sors ta' dawn l-esperjenzi.
- permezz ta' dawn l-esperjenzi jwessgħu l-fehem tat-tfal f'dik li hija n-natura, l-istruttura u l-konvenzjonijiet tal-lingwi.
- jgħinu lit-tfal biex jiksbu kunfidenza u jieħdu gost ukoll fl-użu tagħhom tal-lingwa.
- jieħdu vantaġġ mill-qagħda multilingwa tagħna u joħolqu opportunitajiet biex jitkabbar l-għarfien dwar il-lingwi.
- jieħdu vantaġġ mill-kuntesti għanja ta' lingwi pprovduti mill-medja tal-massa, il-kompjuters u d-drama.